# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 125/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MB**

**Vs**

**RM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MB datat 13 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrent iżżewweġ lill-intimata RM fil-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola, is-Siġġiewi, fid-disgħa u għoxrin ta' Ottubru, elfejn u ħamsa (29/10/2005) anness iċ-ċertifikat taż-żwieġ (dok A).*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied, G li twieled f'X u M li twieldet f'Y, aħwa B u għalhekk għadhom minuri.*

3. *Illi r-rikorrenti u martu l-intimata isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali in atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia, datat sittax ta' Frar elfejn u sittax (16/02/2016) liema kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn esebita u mmarkata bħala dok B .*

4. *Illi illum il-ġurnata ma hemm l-ebda prospett li r-rikorrenti jirrikonċilja mal-intimata martu, u dan stante li ilhom għal dawn l-aħħar erba' snin (4) separati minn xulxin u kif ukoll jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi in oltre, ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-partijiet iddekadew b'mod reċiproku għad-dritt tal-manteniment fil-konfront ta' xulxin, mentri għar-rigward tal-manteniment tal-minuri uliedhom, ir-rikorrent obbliga ruħu li jħallas l-ammont ta' erba mitt ewro (€400) fix-xahar, liema manteniment dejjem tħallas puntwalment mir-rikorrent. Għalhekk ir-rikorrent ma għandu l-ebda pendenza għall-ħlas tal-manteniment għall-minuri fil-konfront tal-intimata.*

6. *In oltre ir-rikorrent qiegħed jippreżenta l-Affidavit tiegħu, liema affidavit jinsab esebit u immarkat bħala dok C.*

7. *Illi r-rikorrenti jixtieq li jottjeni d-divorzju u jaqbel li ż-żwieġ tiegħu mal-intimata għandu jiġi maħlul.*

8. *Illi dawn il-fatti sopra ċitati jissodisfaw pjenament il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent qiegħed umilment jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejnu u l-intimata martu RM u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom ċelebrat fid-disgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (29/10/2005) maħlul ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u għalhekk tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-annotazzjoni meħtieġa f'dan is-sens u dan taħt kull provvediment ieħor li din il-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RM, datata 31 ta' Lulju 2020 a fol 19, li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u ċioe li jiġi ppronunzjat id-divorzju*

*bejn il-partijiet salv pero li tali divorzju ma jġib ebda bidla f'dak miftiehem permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni datat sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia.*

2. *Illi in oltre, l-intimata qiegħda tippreżenta l-affidavit tagħha fejn ukoll qiegħda taqbel ma' dak riportat fl-affidavit tar-rikorrent (Dok RM 1)*

3. *Illi l-unika eċċezzjoni li l-intimata għandha tissoleva hija illi ma għandhiex tbati l-ispejjeż tal-odjerni proċeduri.*

4. *Illi għar-raġunijeit suesposti l-intimat tirrimetti ruħha għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Ezaminat it-testimonjanza permezz tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MB** xehed (vide affidavit a fol 13) illi huwa izzewweġ lil RM fid-29 ta' Ottubru 2005, u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal li għadhom minuri. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw bonarjament fis-16 ta' Frar, 2016. Xehed illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni u dan peress li ilhom separati minn xulxin għal aktar minn erba' snin u it-tnejn komplew b'ħajjithom ma' persuni oħra. Illi pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet ma hemmx, filwaqt illi l-manteniment dovut lit-tfal jitħallas dejjem.

**RM** xehdet (vide affidavit a fol 20) u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju***

***jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Ottubru 2005 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt tfal, li għadhom minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia, datat 16 ta' Frar 2016 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**